MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2004

Numru. 24/2001
Kawza Numru. 5

Il-Pulizija
(Spettur Antonello Grech)

- vs -

Paul Muscat

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Paul Muscat ta’ 45 sena, bin Emanuele u Pietra nee’ Azzopardi, imwieled Nadur fis-17 ta’ April, 1956 u residenti Caveman, Triq ir-Ramla l-Hamra, Nadur, I.D. Card No. 29056(G) akkuzat talli fil-lejl ta’ bejn is-17 u 18 ta’ Lulju, 2001, fin-Nadur, Ghawdex, ikkomeetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta’ Karoline Utea Auhuber.

Rat il-kunsens tal-avukat generali tad-9 ta’ Awissu, 2001 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-

procedura sommarja ghal-dak li hemm mahsub fl-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra n-nuqqas ta’ oggezzjoni tieghu sabiex il-kawza tkun trattata u deciza bl-istess procedura;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat illi dan il-kawza inizzjat fuq rapport ta’ persuna strangiera li xehedet illi wara li hi u zewggha kienu ghadhom kemm kellhom serata sabiha ghand l-imputat, l-istess imputat sab ruhu wahdu mal-kwerelanta u, biex tuza kliem l-istess kwerelanta: “he grabbed me between my legs” (fol.8). Dan l-incident ma rah hadd u ma marx oltre dak li ddikjarat l-istess kwerelanta ghaliex minufih tleqet tigri lejn zewggha. Ghalhekk l-uniku xhud ta’ din l-allegazzjoni hija l-istess kwerelanta. Minkejja dan, irid jinghad illi tezisti prova cirkostanzjali meta r-ragel tal-kwerelanta jikkoroba l-verzjoni ta’ martu li qalet li sakemm kielu u xorbu ghand l-imputat kienu ghaddew serata pjacevoli izda wara li mart jara xi griewi li ghandu l-imputat u b’hekk allontana ftit minn hdejha, ftit wara giet tigri u qaltlu b’li gara, mar ifittxu u ma sabux ghaliex kien harab.

L-Ispettur Antonello Grech xehed illi meta kellem lill-imputat dan deher sorpriz u innega dak li qalet il-kwerelanta izda ddikjara li “veru, kemm qbadtilha kuxxitha” (fol 28). Minkejja dan, ma kien ezebit l-ebda statement tal-imputat u ma kienx dikjarat illi l-imputat kien inghata xi forma ta’ kawzjoni.

Minn ezami ta’ dawn il-provi huma inkoncepibbli kif l-imputat kien akkuzat bl-artikolu 207 tal-Kap 9. Jekk verament ghamel dak lilu allegat zgur li ma seta jaghmel xejn sia fil-hin qasir ghad-disposizzjoni tieghu kif ukoll bir-ragel tal-kwerelanta prattikament wara l-kantuniera. Kien ikun ben divers kieku l-imputat kien akkuzat bi ksur tal-artikolu 209 u cioe ghall-offiza ghall-pudur jew ghall-morali izda dan mhux il-kaz. Il-provi huma li huma u fil-fehma tal-Qorti ma jistghux iwasslu ghal-sejbien ta’ htija kontra l-imputat.

Ghall dawn il-mottivi, ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------